**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 240/2015**

**Julie-Ann Auerbach**
**(K.I. 21208A)**

**vs**

**Brian Mizzi**
**(K.I. 942846M)**

**Illum, 27 ta' Frar 2019**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tar-rikorrenti li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas:

> "Is-somma ta' €5,416.06 hamest elef erba' mija u sittax-il Euro u sitt centezmi rappresentanti hlas lilha dovut ai termini tal-kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni firmat bejn il-partijiet fit-2 t'April 2012 fl-atti tan-nutar Dottor Mario Bonello LL.D u senjatament ai termini tal-klawsola 8(2) ta' l-istess kuntratt u dan riferibilment ghall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2013 sat-30 ta' Lulju 2015, skond kif dettaljatamnet spjegat fil-

korrispondenza antecedenti ghal din il-kawza u senjatament bl-ahhar ittra tat-23 ta' Lulju 2015.

Bl-imghax legali millum u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' tlett ittri legali kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu."

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

"1. Illi s-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz tal-kuntratt datat 2 t' April 2012 (Dok A), fl-atti tan-nutar Mario Rosario Bonello, fejn l-esponenti addossa fuqu l-ispejjez hemm elenkati in konessjoni mat-trobbija tal-bint minuri tal-partijiet Lauren-Rose Mizzi;

2. Illi l-attrici dejjem tipprova tghabbi lill-esponenti bi spejjez ohra illi jmorru ferm oltre l-obbligi tieghu ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, minkejja l-ammonti ferm konsiderevoli minnu mhallsa regolarment u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tajjeb jigi rilevat minn issa, in linea illustrattiva, illi l-attrici tippretendi l-hlas ghal tiswijiet tal-mobile tal-minuri, jew sahansitra mobile phone gdid illi hija xtratilha bhala rigal, minkejja illi tircievi manteniment kull erba' ta' €874,18 u l-esponenti jhallas ukoll l-ispejjez kollha medici u ta' l-edukazzjoni, u sahansitra €3000 fis-sena ghal hwejjeg tal-minuri;

4. Illi hekk ukoll l-attrici tippersisti illi tibghat lill-minuri ghal kors tal-Germaniz a spejjez tal-esponenti, meta ai termini tal-klawsola 8(ii) tal-kuntratt tas-separazzjoni personali (Dok A),

l-istess esponenti ghandu jhallas l-ispejjez relatati ma' privatijiet meta dawn ikunu maqbula bejn il-partijiet jew inkellha rakkomandati - cirkostanzi illi ma tirrizultax f'dan il-kaz meta l-istess edukaturi tal-minuri jirrimarkaw illi, in vista tal-marki ferm baxxi taghha, fejn generalment tehel mill-maggor parti tas-suggetti, ikun fl-ahjar interess akkademiku taghha illi tiffoka fuq is-suggetti bazilari;

5. Illi ulterjorment, fil-korrispondenza precedenti, l-attrici wkoll ipprovat tirrikava flejjes illi ma kinux dovuti minhabba l-fatt illi kienu diga' gew mhallsa mill-esponenti, u specifikatament l-ammont ta' €155 fir-rigward ta' privatijiet tal-Fizika ghax-xhur ta' April u Mejju 2015, illi kienu gew imhallsa permezz ta' cekk numru 06037 (Dok B);

6. Illi ghandu jinghad ukoll illi l-esponenti ghamel diversi hlasijiet fir-rigward tal-ispejjez tal-minuri, fejn u meta dawn irrizultaw effettivament dovuti u dan permezz ta' cekkijiet numru 22862 (Dok C), numru 005943 (Dok D) u numru 06037 (Dok B) illi sal-lum jidher illi baqghu mhux imsarrfa mill-attrici u dan ghal skopijiet lilha biss noti;

7. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi effettivament, dawn il-proceduri gew intavolati inutilment, u huma frivoli u vessatorji, in kwantu l-esponenti diga ghadda l-hlas tal-ammonti kollha reklamati sa fejn dawn kienu legalment dovuti, f'ammont globali ta' €3,887.74. Ma' dawn irid jizdied l-ammont ta' €1,229 illi l-attrici tippretendi izda illi mhux effettivament dovut skont il-kuntratt jew illi kienu diga gew mhallsa mill-konvenut. Jibqa' mbghad ammont ta' €299.19 illi l-esponenti ma ghandux spjegazzjoni dwaru minghand l-

attrici. Ghalhekk isegwi illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici u bl-applikazzjoni tal-penali indikata fil-partita 10(1) f'Tariffa A fl-Skeda A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

8. Illi fl-ahhar net, b'referenza ghal kwalunkwe spiza reklamata mill-attrici in konnessjoni ma' hwejjeg ghall-minuri, l-esponenti jirrileva illi l-obbligu annwu tieghu f'dan ir-rigward ma ghandux jeccedi l-massimu ta' €3,000 illi jipprovdi testwalment illi " the Husband shall pay... a sum not exceeding three thousand euro (€3,000) per annum a the Husband's contribution toward the costs of the minor child's clothing". Dan ifisser illi din is-somma ghandha tinkludi wkoll l-ispejjez kollha ta' hwejjeg illi l-esponenti jixtru huwa stess ghal bintu, b'dan illi l-attrici ma tistax tonfoq is-somma kollha ta' €3,000 hija stess ghal bint il-partijiet;

9. Illi in linea ma' dak fuq premess, it-talba ghall-hlas tal-imghax hija wkoll opposta ghaliex ma jistax jirrizulta imghax fil-kaz fejn il-likwidazzjoni maghmula mill-kreditrici hija wahda skorett, u fejn, ulterjorment, il-pagament attwalment dovut gie offrut fil-hin izda mhux accettat mill-attrici nnifisha.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni u salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti tat-13 ta’ Awissu 2018.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat tas-16 ta’ Ottubru 2018.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza r-rikorrenti qeghda titlob li tithallas is-somma ta’ hamest elef u erba’ mija u sittax il-Ewro u sitt centezmi (€5,416.06) skont it-termini tal-klawsola 8(2) tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni tat-2 ta’ April 2012 in atti Nutar Dottor Mario Bonello ghal perjodu bejn l-1 ta’ Novembru 2013 sa 30 ta’ Lulju 2015.

L-intimat jghid li dan l-ammont m’huwiex dovut. Izda mill-affidavit ta’ Elizabeth Ambrogio, assistenta personali tal-intimat, a folio 169 et sequitur tal-process, a folio 175 tal-process jinghad li l-ammont li qieghed jikkontesta l-intimat huwa ta’ elfejn u sitt mija u tmienja u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,638.85).

**Provi**

**Kuntratt ta’ Separazzjoni** – Klawsoli referibbilment ghal kura u kustodja tal-minuri:

> *Article 5(i)*
> *“The said Minor Child shall for the duration of her minority remain subject to the authority of both her parents, **the said spouses Mizzi, who shall jointly take all major decisions***

***<u>concerning the welfare, education and health of the said Minor Child. In the event of a dispute arising between the parties regarding the said Minor Child, the issue shall be determined by the Civil Court, Family Section of Malta."</u>***[1]

*Article 5e(iv)*

*"The parties agree that care and custody of their Minor child shall be entrusted to them jointly".*

Klawsoli referibbilment ghar-responsabilita` tal-genituri li jhallsu l-ispejjez relatati mal-minuri Lauren-Rose Mizzi fir-rigward tal-kaz odjern (**Dok. A – A fol. 8 sa 24 tal-process**).

| | | |
|---|---|---|
| *Article 8(i)* | *The husband obliges himself to pay unto his wife by way of maintenance* | *€200 payable every four weeks in advance (€800). The maintenance shall be revised and adjusted annually by an increase of 3% per annum on each anniversary of the deed.* |
| *Article 8(ii)* | *Apart from and in addition to the monthly maintenance set out in this deed, the Husband shall pay:* | *All education costs in Malta up to and including tertiary (University Level) including tuition fees, agreed or recommended private lessons, books, all annual stationery and uniforms, electronic educational tools, as are reasonable required, and school transport costs.* |

[1] Sottolinejar tal-Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| | | *All ordinary health costs as well as extraordinary health costs, including dental and optician's bills and counselling bills, as are reasonable having regard to the amount and expenses involved in a recurrent nature of treatment and to all the circumstances of the case.*<br>*Costs in respect of all extra-curricular activities undertaken by the minor child.*<br>*The costs of periodical mobile top ups for use by the minor child shall be shared equally between the parties.*<br>*A sum not exceeding €3,000 per annum as the Husband's contribution towards the costs of the Minor Child's clothing, The Husband shall reimburse the wife for such expenses against production of receipts.* |

A folio 60 et sequitur tal-process **l-attrici** prezentat Nota tal-attrici bir-ricevuti annessi li jirraprezentaw l-ammont reklamat mill-istess. Peress li l-attrici ma nnumeratx ir-ricevuti u ghal aktar facilita fir-referenza, il-Qorti se tuza l-istess numri li inghataw mill-intimat fejn ipprezenta l-istess sett ta' ricevuti annessi mal-affidavit ta' Elizabeth Ambrogio, a

folio 184 et sequitur tal-process. Minn analizi tal-istess ricevuti jirrizulta s-segwenti:

| | **Data** | **Hanut** | **Kont** | **Ammont Dovut** |
|---|---|---|---|---|
| A1 | 24 ta' Lulju 2015 | Debenhams | €62 | |
| A2 | 28 ta' Lulju 2015 | St Albert Pharmacy | €21.42 | €4.33<br>Il-bqija tal-prodotti mhumiex medicinali |
| A3 | 15 ta' Lulju 2015 | Spectacle Eyes | €19.90 | |
| A117 | 23 ta' Lulju 2015 | Spectacle Eyes | €19.90 | |
| A4 | Lulju 2015 | Medicine Chest | €31.35 | |
| A5 | 22 ta' Lulju 2015 | Scan | €58 | |
| A6 | | Lezzjonijiet Biology<br>6, 13, 27 ta' Mejju<br>3, 10, 12, 24 ta' Gunju | €154 | |
| A7 | 23 ta' Lulju 2015 | L-Erbgha 2 ta' Settembru fis-2:45pm | | Ma hemmx ammont mhallas fuq ir-ricevuta<br>Ma hemmx indikat it-tip |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | ta' appuntament |
| A8 | 7 ta' Jannar 2015 | E-mail mibghutha minn Zach Muscat jikkonferma li l-attrici hallset l-lezzjonijiet tal-Physicis mit-13 ta' April 2015 sas 16 ta' Gunju 2015 | €207 (Jien ghamilt il-kalkoli mill-istess e-mail peress li ma hemmx total) | |
| A9 | 20 ta' April 2015 | German-Maltese Circle – Examination Fee | €35 | |
| A10 | 16 ta' Mejju 2014 | St Michael Foundation for Education – Uniform Price List – P.E. Shorts | €11 | |
| A11 | 13 ta' Marzu 2015 | St Michael Foundation for Education – Cecchetti Ballet Examinations | €115 | |
| A12 | 13 ta' Marzu 2015 | St Michael Foundation for Education – Trinity Guildhall Exams | €104.19 | |
| A13 | 6 ta' April | Lourdes | €7.00 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2015 | Pharmacy & Opticians | | |
| A14 | 14 ta' April 2015 | Special Eyes Opticians | €9.20 | |
| A15 | 28 ta' April 2015 | Special Eyes Opticians | €39.80 | |
| A17 | 23 ta' Dicembru 2014 | New Look | €17.99 | |
| A16 | 29 ta' April 2015 | 2 Sessions at €40 each Psychotherapist Melissa Agius | €80 | |
| A18 | 2 ta' Mejju 2015 | Eurosport | €20.00 | |
| A19 | 2 ta' Mejju 2015 | Eurosport | €25.00 | |
| A20 | 18 ta' April 2015 | Darmanin Footwear | €39.95 | |
| A21 | 4 ta' April 2015 | Oysho | €59.98 | |
| A22 | 4 ta' April 2015 | New Look | €24.99 | |
| A23 | 4 ta' April 2015 | New Look | €26.98 | |
| A24 | 4 ta' April 2015 | Esprit | €35.99 | |
| A26 | 17 ta' Dicembru | River Island | €38.00 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2014 | | | |
| 27 | 17 ta' Dicembru 2014 | Debenhams | €28.00 | |
| A25 | 2 ta' Mejju 2015 | Mango | €102.97 | |
| A26 | 17 ta' Dicembru 2014 | River Island | €38.00 | |
| A27 | 6 ta' Dicembru 2014 | Esprit | €89.98 | |
| A28 | 16 ta' Dicembru 2014 | Monsoon/ Accessoriza | €13.90 | |
| A29 | 10 ta' Jannar 2015 | Oysho | €100.94 | Rikorrenti naqqset l-ammont ghal €42.97 |
| A30 | 29 ta' Novembru 2014 | German – Maltese Circle | €160 | |
| A31 | 27 ta' Novembru 2014 | | | |
| A32 | 29 ta' Novembru 2014 | Urban Jungle | €72.90 | |
| A33 | 2 ta' Jannar 2015 | Opticians | €19.90 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| A36 | 3 ta' Jannar 2015 | Medicine Chest | €7.93 | |
| A37 | 24 ta' Jannar 2015 | Opticians | €77.00 | |
| A34 | 3 ta' Jannar 2015 | Medicine | €21.75 | Ma hemmx isem tal-hanut fuq ir-ricevuta |
| A35 | 2 ta' Jannar 2015 | Medicine | €15.38 | Ma hemmx isem tal-hanut fuq ir-ricevuta €4.90 Il-bqija tal-prodotti mhumiex medicinali |
| A38 | 30 ta' Dicembru 2014 | Registered Educational Psychologist Gino Mule` Stagno | €270 | Statement of Expenses izda mhux ricevuta li l-hlas gie effettwat |
| A39 | 16 ta' Dicembru 2014 | | €18.38 | Hanut mhux maghruf |
| A40 | 9 ta' Dicembru 2014 | St Catherine Pharmacy Attard | €17.14 | |
| A41 | 24 ta' | Vodafone Malta | €759.00 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Dicembru 2014 | Limited iPhone 6 Voucher Pack | | |
| A44 | | 8 Till Late | €2.75 | Jidher li l-prodotti huma relatati ma stationery |
| A43 | 18 ta' Dicembru 2014 | | €18.90 | Hanut mhux maghruf L-oggett mixtri jidher mid-deskrizzjoni fuq ir-ricevuta li huwa umbrella |
| A42 | 22 ta' Dicembru 2014 | Asos | €236.28 | €210.57 Ir-rimanenti oggett fuq l-istess kont huwa arlogg |
| A47 | 25 ta' Settembru 2014 | Special Eyes Opticians | €19.90 | |
| A46 | 20 ta' Settembru 2014 | Tower Shoes | €69.90 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| A45 | 20 ta' Settembru 2014 | BHS | €8.00 | |
| A48 | 18 ta' Awwissu 2014 | Esprit Just Fashion | €29.99 | |
| A49 | 31 ta' Ottubru 2014 | PACE's Uniforms and Workwear | €33.50 | |
| A50 | 22 ta' Settembru 2014 | Yorkdale | €13.25 | |
| A51 | | Misrah Kola Pharmacy | €35.87 | Il-prodotti huma imnizzla bhala *goods* u mhux *medicines* |
| A52 | 10 ta' Settembru 2014 | Medicine Chest | €21.75 | |
| A56 | | Brown's Pharmacy | €19.99 | Il-prodotti mhumiex cari |
| A55 | 4 ta' Novembru 2013 | Sunlab | €45.000 | Il-prodotti mhumiex cari |
| A53 | 25 ta' Settembru 2014 | Naxxar Pharmacy | €11.18 | |
| A54 | 11 ta' | | €40 | Ma hemmx |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Settembru 2014 | | | indikat it-tip ta' appuntament |
| A57 | 23 ta' Settembru 2014 | PACE's Uniforms | €40.95 | |
| A58 | | | €40 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament |
| A59 | 3 ta' Novembru 2014 | PACE's Uniforms | €91.65 | |
| | 23 ta' Settembru 2014 | PACE's Uniforms | €40.95 | Din ir-ricevuta hija dupplika ghal ricevuta A57 |
| | 22 ta' Ottubru 2014 | | €40 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | | Brown's Pharmacy | €19.99 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 4 ta' Novembru | Sunlab | €45 | Din ir-ricevuta hija |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2013 | | | dupplika |
| | 25 ta' Settembru 2014 | Naxxar Pharmacy | €11.18 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 11 ta' Settembru 2014 | | €40 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 23 ta' Novembru 2014 | PACE's Uniforms | €40.95 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 18 ta' Awwissu 2014 | Esprit Just Fashion | €29.99 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 31 ta' Ottubru 2014 | PACE's Uniforms and Workwear | €33.50 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 22 ta' Settembru 2014 | Yorkdale | €13.25 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | | Misrah Kola Pharmacy | €35.87 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 10 ta' Settembru 2014 | Medicine Chest | €21.75 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | | 8 Till Late | €2.75 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 20 ta' Settembru | BHS | €8.00 | Din ir-ricevuta hija |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2014 | | | dupplika |
| | 20 ta' Settembru 2014 | Tower Shoes | €69.90 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| | 25 ta' Settembru 2014 | Special Eyes Opticians | €19 | Din ir-ricevuta hija dupplika ghal ricevuta numru 49 |
| A75 | 16 ta' Novembru 2013 | 4th September 2013<br>16th November 2013 | €80 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament |
| A76 | 19 ta' Ottubru 2013 | 3 past sessions already paid for.<br>4th September not paid<br>Received From Brian Mizzi | €120 | |
| A79 | 19 ta' Ottubru 2013 | Special Eyes Opticians | €10.82 | |
| A78 | 15 ta' Awwissu 2014 | Eurosport | €6.00 | |
| A77 | 19 ta' Ottubru 2013 | 21st September<br>19th October | €80 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| A80 | 12 ta' Awwissu 2014 | 2 Sessions | €80 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament |
| A81 | | School of the Performing Arts – Summer School Junior Programme – Drama Half Programme | €230 | |
| A82 | 21 ta' Frar 2014 | | €40 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament |
| A83 | 26 ta' Marzu 2014 | 29th April | €40 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament |
| A84 | 29 ta' April 2014 | | €40 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament |
| A85 | 28 ta' Awwissu 2014 | | €40 | Ma hemmx indikat it-tip ta' appuntament |
| A87 | 1 ta' Lulju 2014 | Special Eyes Opticians | €39.80 | |
| | 2 ta' Lulju 2014 | 22nd July | €40 | Ma hemmx indikat it-tip |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | ta' appuntament |
| A88 | 7 ta' Lulju 2015 | Debenhams | €23.00 | |
| A118 | 26 ta' Lulju 2014 | Pull and Bear | €19.99 | |
| A89 | 7 ta' Lulju 2014 | Nine West | €99.00 | |
| A90 | 11 ta' Awwissu 2014 | Terranova | €7.99 | |
| A92 | 19 ta' Lulju 2014 | Debenhams | €46.00 | |
| A91 | 26 ta' Lulju 2014 | UCB, Sisley, UnderColors, Playlife | €29.96 | |
| A93 | 7 ta' Lulju 2014 | New Look | €3.49 | |
| A94 | 13 ta' April 2012 | Next | €30.00 | |
| A95 | 19 ta' Lulju 2014 | Debenhams | €11.00 | |
| A96 | 26 ta' Lulju 2014 | Brown's Pharmacy | €9.78 | |
| A100 | 30 ta' Mejju 2014 | New Mobile | €25.00 IPhone 5 Case €125 iPhone 5 Repair | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| A98 | 20 ta' Gunju 2013 | Special Eyes Opticians | €19.90 | |
| A99 | 25 ta' Gunju 2014 | Special Eyes Opticians | €90.00 | |
| A97 | 18 ta' Lulju 2014 | Special Eyes Opticians | €9.20 | |
| A101 | 13 ta' Mejju 2014 | St Michael Foundation | €25 | |
| A102 | 31 ta' Mejju 2014 | OVS Sliema | €144.89 | |
| A103 | 29 ta' Mejju 2014 | Next | €8.50 | |
| A104 | 31 ta' Mejju 2014 | Darmanin Footwear | €79.80 | |
| A107 | 29 ta' April 2014 | The Dance Studio | €36.80 | |
| A106 | 29 ta' Marzu 2014 | The Score | €82.00 | |
| | | New Look | | Ricevuta mhux cara |
| A108 | 22 ta' Marzu 2014 | Optika Ltd Opticians | €24.80 | |
| A109 | 22 ta' Marzu 2014 | Promod | €59.90 | |
| | 29 ta' Marzu 2014 | The Score | €82.00 | Din ir-ricevuta hija dupplika |
| A111 | 3 ta' Marzu 2014 | Special Eyes Opticians | €19.90 | |
| A112 | 15 ta' Frar | Special Eyes | €18.50 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2014 | Opticians | | |
| A114 | 3 ta' Marzu 2014 | Dr M. Rosette Micallef<br>Family GP | €10.00 | |
| A113 | 13 ta' Marzu 2014 | Dr M. Rosette Micallef<br>Family GP | €10.00 | |
| A115 | 13 ta' Dicembru 2014 | Dr Justin Agius<br>Dental Treatment | €70.00 | |
| A116 | 7 ta' Marzu 2014 | Saint James Hospital | €55.00 | |

Mill-istudju tal-process jirrizulta li l-ammont ta' €554.08 m'ghandux jithallas peress li r-ricevuti huma ripetuti.

**Kontestazzjonijiet tal-intimat dwar l-ispejjez su-indikati**

Fl-Affidavit tieghu a folio 135 sa 141 tal-process, l-intimat jikkontesta s-segwenti:

a. Contact Lenses - €160
b. Appuntamenti mal-Psikoterapista Dr Melissa Agius
c. Ricevuti ghal lezzjonijiet tal-Germaniz mal-German – Maltese Circle kif ukoll sessjonijiet ta' ezami - €195
d. Ricevuti ghal lezzjonijiet tal-privat tal-Biology
e. Ricevuti ghal privat tal-Physics ma' Zach Muscat
f. Ricevuta ghal-mobile Iphone 6 mixtri mill-Vodafone Malta Limited fl-ammont ta' €759
g. Ricevuta minghand il-hanut Medicine Chest - €7.93

h. Ricevuti New Look u River Island - €55.99 – Diga sar il-hlas permezz ta' cheque
i. Ricevuta minghand New Mobile fir-rigward ta' tiswijiet ta' mobile €125 u case tal-mobile €25
j. Ricevuta 8 Till Late - €2.75

**a. Contact Lenses - €160**

L-intimat jishaq fl-affidavit tieghu li x-xiri ta' contact lenses mhumiex inkluzi fl-ispejjez medicinali. L-intimat jghid li huwa responsabbli ghal ispejjez tal-oftalmologu.

Il-kuntratt ta' Separazzjoni, Artikolu 8(ii) jghid li l-intimat ghandu jkun unikament responsabbli ghal:

*"All ordinary health costs as well as extraordinary health costs, including dental and optician's bills and counselling bills."*

Din il-klawsola bl-ebda mod ma teskludi contact lenses. Izda taghti x'tifhem li l-intimat huwa responsabbli ghal ispejjez ta' sahha kemm ordinarji kif ukoll straordinarji li ghandhom jinkludu l-ispejjez tal-oftalmologu izda bl-ebda mod ma qieghda teskludi l-ispejjez relatati mal-contact lenses.

Pero` min-naha l-ohra mir-ricerka li ghamilt n-nuccali tal-vista huwa kkunsidrat bhala oggett mediku u necessarju filwaqt li l-contact lenses huma kkunsidrati bhala spiza mhux necessarja izda kozmetika.

**c, d u f: Lezzjonijiet tal-Biology, Physics u Germaniz**

Biology u Physics:

Mill-korrispondenza mibghuta mill-Avukat tal-Fiducja tal-intimat, Brian Mizzi kien ben konsapevoli li l-minuri kienet qieghda tattendi ghal lezzjonijiet tal-Biology u Physics, din ma kinitx decizjoni unilaterali tal-attrici izda jidher car li dan kien sar bil-kunsens tieghu. Di fatti fl-istess ittra tas-7 ta' Awwissu 2015 (A fol. 152 sa 154) dan jidher ampjament car:
"*Our client suggests that Ms Auerbach should inform the Physics and Biology teachers to send their bills directly to him.*" (B'referenza ghal intimat).

L-intimat jidher li kappriccozament naqas milli jhallas l-ammont ta' €154 ghal lezzjonijiet tal-Biology ghal Mejju u Gunju 2015 u €207 ghal lezzjonijiet tal-Physics ghal April u Gunju 2015 kif jidher car mill-istess ittra legali:

"*Mr Mizzi is refusing any expenses in this connection. As was indicated in our letter dated 3rd July 2015, cheque number 6037 for the amount of €1,557.28 was in full and final settlement for all the disbursements claimed by Ms Auberbach for the period between 1st January 2015 till 30th June 2015.*"
Dan l-ammont ghandu jithallas fl-intier tieghu mill-intimat.

Germaniz
Skont l-Artikolu 8(ii) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni, l-ispejjez kollha edukattivi tal-minuri inkluz, "*tuition fees, agreed or recommended private lessons*", l-ispejjez ta' liema ghandhom jigu sopportati mill-intimat. Fl-affidavit taghha l-attrici tghid: "*Therefore, in light of our Child's academic difficulties, which had resulted as a consequence of prolonged unrest, her school's Deputy School Headmistress had on my request recommended the German Maltese Circles for additional lessons – See document herewith attached and marked as Dok JAA 4.*"

(A folio 33 tal-process). B’kull dovut rispett l-email li taghha ghamlet referenza l-istess attrici (a folio 43 tal-proċess) fl-umili fehma ta’ dan il-Bord ma hijiex rakkomandazzjoni sabiex il-minuri tibda tattendi ghal dawn l-lezzjonijiet fi hdan il-German-Maltese Circle izda saret sempliciment osservazzjoni li dawn it-tip ta’ courses jitqiesu bhala kontribuzzjoni tajba ghal School Leaving Certificate and Profile.

L-attrici fl-affidavit taghha tkompli tghid: “*The Defendant had been well advised of this recommendation - See document herewith attached and marked as Dok. JAA5*.” Jidher car min dan id-dokument u cioe’ e-mail esebita mill-istess attrici (a folio 44 tal-proċess) li fl-ebda hin ma pprovat tikseb il-kunsens tal-intimat ghal dawn il-lezzjonijiet izda sempliciment informatu il-Gimgha 5 ta’ Dicembru 2014 li l-minuri attendiet ghal l-ewwel lezzjoni is-Sibt ta’ qabel.

Dawn l-ispejjez ghalhekk ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

g, j: Ricevuta Medicine Chest u 8 Till Late

L-intimat qieghed jikkontesta ammont ta’ €7.93 fir-rigward ta’ oggetti mixtrija minghand il-hanut Medicine Chest, li mir-rendikont jidher car li ghalkemm hemm ricevuti ohra relatati mal-istess hanut dawn ma gewx ikkontestati. Ghalhekk dan l-ammont ghandu jithallas fl-intier tieghu mill-intimat kif ukoll l-ammont ta’ €2.75 skont ir-ricevuta mahruga mill-hanut 8 Till Late. Ghalkemm dan il-convenience shop jinsab fuq il-vapur ta’ Ghawdex, mir-ricevuta jidher li l-affarijiet li inxtraw huma stationery.

F:Il-mobile iPhone 6

Mir-ricevuta jidher car li dan il-mobile inxtara lejliet il-Milied mill-attrici. It-tezi tal-intimat hija li dan inxtara bhala rigal ghal Milied mill-istess attrici ghal bintha. Ulterjorment mobile ta’ €759 zgur m’ghandux

jigi ikkonsidrat bhala*, "electronic educational tools, as are reasonably required"*. Jidher car li l-attrici ma kkonsultatx mal-intimat meta nefqet kemxa flus fuq *mobile* ghal minuri kif kellha l-obbligu li taghmel jekk l-attrici qieset il-mobile bhala *electronic educational tool* skont l-istess Kuntratt ta' Separazzjoni klawsola numru 5(i), "…*the said spouses Mizzi, who shall jointly take all major decisions concerning the welfare, education and health of the said Minor Child*."

i: Tiswijiet tal-Mobile Phone u Mobile Case gdida

Skont l-istess Kuntratt ta' Separazzjoni senjatament klawsola numru 8(ii) paragrafu 4 jidher li, "*The cost of periodical mobile top ups for use by the minor child shall be shared equally between the parties. Provided that the Husband reserves the right not to contribute to such top ups if his daughter does not maintain regular contact with him*."

Ghalkemm il-kuntratt ma jsemmix jekk iz-zewg genituri jew min minnhom ghandhom ikunu responsabbli ghat-tiswija tal-istess mobile phone appartenenti lil minuri, mill-atti jidher ampjament car li l-mobile huwa mezz ta' komunikazzjoni bejn il-bint u z-zewg genituri. Hekk kif il-Kuntratt ta' Separazzjoni jobbliga z-zewg genituri li jhallsu l-mobile top ups f'sehem indaqs bejniethom. Huwa ghalhek logiku illi z-zewg genituri ghandhom ikunu responsabbli ghal-ispejjez relatati mat-tiswijiet tal-mobile.

b: Appuntamenti mal-Psikoterapista Melissa Agius

L-intimat Brian Mizzi qieghed jikkontesta l-hlas ghal appuntamenti ma' din il-Psikoterapista (A fol. 135) fejn huwa sahaq illi, "*jiena ili zmien twil*" jinsisti illi huwa kien kontra dawn is-sessjonijiet ghalhiex, "*ma nemminx illi Dr Agius ghandha l-kompetenza jew il-karattru professjonali adegwat biex tghin lil binti*."

Di fatti fl-ittra legali tas-7 ta' Awwissu 2015 mibghutha mill-Avukat tal-Fiducja tieghu jinghad is-segwenti:

"*In our letter which was sent on the 4th September 2013, it was clearly stated that Mr Mizzi would not be contributing further to Lauren-Rose's sessions with Ms Melissa Agius – Mr Mizzi's strong reservations regarding Ms Agius's professionalism, abilities and assistance to the minor child have been registered repeatedly.*

*Our client's position in this regard has not changed, as he believes that these sessions have not yielded any positive effects. Therefore the receipts sent between 2014 and 2015 are hereby rejected by our client once again.*"

Fil-kawza fl-ismijiet **Therese Zammit vs David Micallef,** Appell Civili Numru. 247/2007/1, deciz fit-3 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti tal-Appell qalet hekk fuq materja simili:

*"Fuq it-tieni punt ta' aggravju huwa fatt illi l-kuntratt ta' separazzjoni tas-26 ta' Mejju, 2005 (fol. 7) jipresupponi illi l-konjugi li ma nghatax l-affidament ta' l-ulied kellu jigi kkonsultat "in all matters concerning the health, education and welfare of the said minor children". Fuq dan il-punt tal-konsultazzjoni sahaq bosta anke it-Tribunal fis-sentenza appellata. Hi haga pero` l-konsultazzjoni li jawspika l-kuntratt fir-rapport inter-konjugali ex-post is-separazzjoni u hi haga ohra l-esigenza ta' dak id-dover li l-Kodici Civili, f'diversi disposizzjonijiet tieghu, jimponi b'obbligu fuq il-konjugi fl-ahjar interess ta' l-ulied. Ultimament, dan l-obbligu hu sew statwit ex lege fl-Artikolu 57 (1) tal-Kodici Civili fejn jiddisponi illi "tkun min tkun il-persuna li f'idejha jigu fdati t-tfal, il-missier u l-omm jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqghu*

*obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u l-edukazzjoni, skond il-ligi";*

*Il-konjugi li jadempixxi dan l-obbligu anke ghal kwota spettanti lill-konjugi l-iehor, ghandu kull jedd li jagixxi biex jikkonsegwi r-rimbors ta' l-erogazzjoni maghmula kwantu ghan-nofs ta' l-ispejjez."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Christine Borda vs Joseph Borda,** Qorti tal-Appell, deciza fit-30 ta' Mejju, 2017.

Fil-kaz in ezami, il-fatt illi l-attrici hadet lil binha ghal dawn is-sezzjonijiet – u f'dak l-istadju zborsat hi l-flus, u qed titlob hlas lura ta' nofs l-ammont – jindika illi kien hemm il-htiega ghal tali azzjoni u assistenza u li l-attrici ma rrikorietx ghal dan is-servizz kappricozament.

Ir-ricevuti in kwestjoni jirrigwardaw sessjonijiet fis-snin 2014 u 2015 fejn jidher allura li inizjalment u cioe' qabel is-sena 2014 l-intimat ma kellu ebda ogezzjoni li l-minuri tattendi ghal tali sezzjonijiet. Dan jidher car mir-ricevuta mahruga mill-istess professjonista f'isem Brian Mizzi fid-19 ta' Ottubru 2013.

Din il-Qorti hija konvinta li l-missier kien jaf x'kien qed isir u qatt ma ghamel oggezzjoni formali quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jipprotesta l-kaz tieghu u jitlob decizjoni dwaru. Konsegwentament jidher illi l-missier kien qed dejjem jaghti l-kunsens tacitu tieghu.

Di fatti l-intimat kellu kull opportunita` skond l-artikolu(5)(i) tal-Kuntratt li jirrikorri ghal ghajnuna tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fir-rigward tal-kwestjoni odjerna. Izda dan m'ghamlux. Ghalhekk l-ammont relatat mal-professjonista Melissa Agius ghandu jithallas fl-intier tieghu mill-intimat.

**Kalkolu tal-ammont li ghandu jhallas l-intimat**

Ir-rikorrenti qeghda titlob l-ammont ta' hamest' elef u erba' mija u sittax il-Ewro u sitt centezmu (€5,416.06).

Mill-affidavit ta' Elizabeth Ambrogio, assistenta personali tal-intimat, a folio 169 et sequitur tal-process, senjatament a folio 175 tal-process jinghad li l-ammont li qieghed jikkontesta l-intimat huwa ta' elfejn u sitt mija u tmienja u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,638.85). Konsegwentament l-intimat allura mhux jikkontesta il-bilanc li jirrizulta bejn it-talba tar-rikorrenti u cioe' hamest' elef u erba' mija u sittax il-Ewro u sitt centezmu (€5,416.06) u l-ammont kontestat minnu u cioe' elfejn u sitt mija u tmienja u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2,638.85), liema bilanc ghalhekk huwa ta' €5,416.06 - €2,638.85 = elfejn u sena' mija u sebgha u sebghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€2,777.21).

Mill-ammont kontestat trid titnaqqas is-somma ta' hames mija u erbgha u hamsin Ewro u tmien centezmu (€554.08) li jirrapprezentaw ricevuti repetuti, kif spjegat fuq.

Iridu jitnaqqsu wkoll €160: contact lenses, €195: €35 u €160 German Maltese Circle, €759: mobile iPhone 6 u €62.50: nofs l-ispejjez tat-tiswija tal-mobile phone ghar-ragunijiet spjegati fuq, li jammonta ghal elf mija u sitta u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€1,176.50).

L-ammont rimanenti u cioe' €2,638.84 - (€544.08 - €1176.50) = €918.26, disa' mija u tmintax il-Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, huwa dovut u ghalhekk irid jizdied ma' l-ammont li l-intimat mhux jikkontesta u cioe' mal-elfejn u sena' mija u sebgha u sebghin Ewro u wiehed u

ghoxrin centezmu (€2,777.21). L-ammont globali dovut mill-intimat ghalhekk huwa ta' tlett elef u sitt mija u hamsa u disghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€3,695.47).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u dan limitatament fl-ammont ta' tlett elef u sitt mija u hamsa u disghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€3,695.47), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez a karigu tal-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur